**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 11**

11 ta' Marzu 2025

Il-ħdax (11) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

11.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

11.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

11.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

11.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**Nota: 17:17 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

11.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SSH, NH, JH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

11.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

11.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena li talbu lill-Kunsill jikkonferma l-parteċipazzjoni tal-banda dakinhar ta' Jum il-Floriana għall-prezz ta' €1400. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni.

11.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill sabiex jirreklama fil-pubblikazzjoni tagħhom għall-prezz ta' €250. Il-Kunsill approva.

11.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienu qed joffru korsijiet lill-impjegati tal-Kunsill dwar bookkeeping u SAGE. Il-Kunsill approva.

11.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill bl-għajnuna li qed tiġi offruta għall-kura tat-tfal lill-kunsillieri sabiex ikunu jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill innota dan iżda għalissa ma kienx hemm bżonn l-użu ta' dan is-servizz.

11.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li nformaw li d-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet għall-pakkett tal-iskemi kienet ġiet estiża. Il-Kunsill innota dan.

**Nota: 17:28: Il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex ikun jista' jieħu l-intervent tal-accountant.**

**17:37 Il-laqgħa tkompliet.**
**Il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-materja nru 11.4.**

## 11.4 DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI 2024 MHUX AWDITJATI U L-AĦĦAR KWART TAS-SENA 2024

11.4.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li għandhom jiġu approvati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji 2024 u r-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2024.

11.4.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE favur l-approvazzjoni ta' dawn id-dokumenti u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

11.4.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-offerti biex jiġi rranġat id-dawl fi Triq Sant'Anna. Huwa qal li kien hemm offerta oħra minbarra dik li ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti.

11.4.3.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li rappreżentant ta' Project Green kien informaha li l-ħitan ta' Triq Sant'Anna għandhom jitnaddfu u għalhekk l-istrixxi kienu ser jinqalgħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom jikkuntattjaw lill-Kunsill immedjatament sabiex wieħed jara meta ser isir dan ix-xogħol u x'ser jinvolvi.

11.4.3.2. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jitkellem maż-żewġ għaqdiet lokali involuti sabiex tiġi diskussa l-possibbiltà' ta' ftehim jew arranġament bejniethom.

11.4.3.3. Il-Kunsilliera SSH talbet li jiġi irrekordjat li hi kienet u għadha kontra li d-dawl jiġi rranġat. Hija qalet li tħoss li la xorta se jintefqu ammont kbir ta' flus allura m'għandux jitraqqa l-pannu bil-qargħa aħmar u x-xogħol għandu jsir mil-ġdid.

11.4.3.4. Il-Kunsillier JH qal li jaqbel mal-Kunsilliera SSH li d-dawl għandu jsir mil-ġdid. Huwa qal li ser ikun hemm diffikultà li x-xogħol jiġi ċċertifikat meta ser

jintuża materjal ġdid fuq xogħol qadim. Għalhekk huwa ukoll iħoss li x-xogħol għandu jsir kollu ġdid ħalli jkun hemm garanzija fuq kollox.

11.4.3.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li fid-dawl tal-informazzjoni dwar Project Green, ma tħossx li l-Kunsill għandu jgħaġġel qabel ma jkun tkellem mal-entità.

11.4.3.6. Is-Sindku qal li d-dawl huwa proprjetà tal-Kunsill għax sar mil-Kunsill u għalhekk ħadd m'għandu dritt li jmiss proprjetà tal-Kunsill mingħajr awtorizzazzjoni.

11.4.3.7. Is-Sindku żied jgħid li la d-dawl ma tteħidx kollu f'idejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill għadu qed joħroġ il-flus mela allura għandu jiddeċiedi l-Kunsill kif irid jipproċedi.

11.4.3.8. Il-Kunsillier JH staqsa jekk hemmx elenkat b'mod ċar x'hemm bżonn li jsir u jekk hux ser ikun hemm garanzija fuq ix-xogħol. Is-Sindku qal li x-xogħol ser jiġi ċċertifikat minn inġinier professjonali u għalhekk ser ikun hemm assigurazzjoni li x-xogħol ikun sar sew.

11.4.3.9. Is-Sindku qal li tal-Fergħa Armar ta' Ġewwa kienu talbuh li jinforma lill-Kunsill li l-flus li jdaħħlu minn dan ix-xogħol kienu ser jintużaw biex jinbidel id-damask irreparabbli tal-knisja li jintrama għall-festa ta' San Publju. Il-Kunsill innota dan.

11.4.4. Is-Sindku NH għamel riferenza għax-xogħol li qed isir fuq il-funtana ta' wara s-sur u qal li kienet instabet skultura forma ta' sirena. Huwa qal li kienet intalbet kwotazzjoni għar-restawr fuq il-ġebla tagħha li tammonta għal €1500. Wara li ddiskuta, il-Kunsill laqa' l-kwotazzjoni.

11.4.4.1. Il-Kunsillier JH staqsa jekk hux ser issir sistema ta' filtrazzjoni. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jikkonferma mal-kuntrattur.

11.4.5. Is-Sindku ippropona li għall-okkażjoni tal-attività ta' St Patrick's Day, il-Kunsill jieħu ħsieb jarma l-antarjoli bi bnadar ħodor u bojod. Huwa qal li kienet intalbet stima li tammonta għal €250. Il-Kunsill qabel.

11.4.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Sur Anton Attard fejn talab permess għall-użu tal-Fosos għall-ewwel ġimgħa t'April 2026. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa sabiex jiġu mogħtija iktar dettalji dwar dan. Il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni biex il-Kunsill jivverifika jekk dan il-kunċert hux ser jaħbat mal-attivitajiet tal-festa.

11.4.7. Is-Sindku ressaq offerta mill-Arkivji Notarali biex tiġi organizzata żjara għall-grupp. Il-Kunsill qabel li din għandha titħalla f'idejn il-kunsillier responsabbli mil-kultura.

11.4.8. Is-Sindku ressaq applikazzjoni għal alighting boarding fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini. Wara li ddiskuta, il-Kunsill m'approvax it-talba.

11.4.9. Is-Sindku ressaq talba mingħand sid ta' gabbana li jixtieq jarma fi Triq Emvin Cremona. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lid-Dipartiment tal-Kummerċ sabiex jitlob il-parir tagħhom dwar dan.

11.4.10. Is-Sindku NH talab li tintbagħat tfakkira lill-avukat tal-Kunsill rigward il-kwistjoni tal-attivitajiet. Il-Kunsill qabel.

## 11.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

11.5.1. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira dwar il-bidla fit-tariffi tal-bye law għall-użu tal-ġonna. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandhom jiġu iċċirkolati r-rati eżistenti tal-bye law sabiex jilħaq ikun hemm diskussjoni dwar il-possibiltajiet.

11.5.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-sistema tar-restawr. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

11.5.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-subways. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat tfakkira.

11.5.4. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward id-dawl taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx aġġornament.

11.5.4.1. Is-Sindku qal li kienet inżammet laqgħa mal-Ministru Dalli rigward il-ġibjun taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qal li l-materja tal-ilma li kien ħiereġ kienet ġiet riżolta u kienet instabet soluzzjoni.

11.5.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għar-ritratti antiki ta' Ġnien il-Mall. Il-Viċi Sindku JAE talabha tiġbor informazzjoni dwarhom bħall-annu, eċċ.

11.5.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-attività organizzata mill-Kunsill fil-Karnival u rringrazzjat lis-SE, lis-Sur Dale Cachia, lil Rosette Hili u s-Sa Josephine u lil dawk kollha li taw kontribut biex din l-attività tkun waħda ta' suċċess.

11.5.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-ħarġa t'Għawdex u staqsiet x'kien ser jinvolvi l-kontribut tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien mitlub iħallas il-vapur u t-trasport.

11.5.8. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-arblu li hemm fil-kantuniera fi Triq il-Miratur u qalet li dan kien ta' periklu meta wieħed jiġi biex idur. Hija ipproponiet li jsir planter minfloku. Il-Kunsill qabel.

11.5.9. Is-Sindku għamel riferenza għal xi planters imkissrin li hemm madwar il-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew.

11.5.10. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-CCTVs. Is-Sindku informa li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

11.5.10.1. Is-Sindku ippropona li tintbagħat talba lil-LESA sabiex jibda' jsir monitoraġġ tal-kameras eżistenti.

11.5.10.2. Il-Kunsilliera JP qalet li qed ikun hemm diversi siringi u li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kenniesa. Il-Kunsill innota dan.

11.5.11. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm informazzjoni fuq meta ser isiru l-linji tat-toroq fi Pjazza Emanuel S. Tonna. Is-Sindku qal li kienu qed jintbagħtu tfakkiriet kontinwi mill-Kunsill dwar dan. Is-SE qal li sa dakinhar stess filgħodu kien għadu kif bagħat tfakkira lill-perit iżda sa dak il-ħin kien għad ma kellux risposta.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

11.6.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li fl-attività tal-Karnival jidher li kien hemm miskomunikazzjoni u qalet li tixtieq titlob apoloġija. Il-Kunsill innota dan.

11.6.2. Is-Sindku qal li mal-lista tas-sottokumitati għandu jiżdied sottokumitat ieħor għall-anzjani u s-saħħa li l-membri tiegħu huma is-Sa Rosette Hili u s-Sur Dale Cachia.

11.6.3. Is-Sindku qal li s-Sur Dale Cachia irriżenja minn moderatur u mis-Sottokumitat ta' St Patrick's Day minħabba raġunijiet personali.

11.6.4. Is-Sindku qal ukoll li s-Sur Jake Muscat, is-segretarju tas-Sottokumitat Internazzjonali irriżenja minħabba pressjoni ta xogħol.

**Nota: 18:44 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

11.7.1. Il-Viċi Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 10/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

11.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JP u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 11.8 GABBANA TAĊ-ĊENTRU RIKREATTIV RE ĠORĠ V

11.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li l-accountant tal-Kunsill kien għamel il-workings mitluba u dawn kienu ntbagħtu lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

11.8.2. Is-SE qal li kien irċieva l-kummenti mid-Dipartiment tal-Kuntratti u qal li kien intbagħat ukoll id-dokument finali bil-kummenti tagħhom. Is-SE qal li l-pass li jmiss ikun li tinġieb l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel ma tkun ippubblikata l-konċessjoni.

**Nota: 18:45 Is-Sindku irritorna għal-laqgħa.**

11.8.3. Is-Sindku qal li qed jittama li sas-Sajf ikunu ġew irranġati l-gabbani u jkun tranġa wkoll il-piċċ sintetiku sabiex il-ġnien ikun jista' jitgawda mir-residenti fis-Sajf.

**Nota: 18:48 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**18:49 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**

11.8.4. Il-Kunsillier JH innota li l-proċess kien ser jiġi finalizzat wisq viċin is-Sajf u għalhekk ippropona li tinstab soluzzjoni ħalli l-operatur il-ġdid ma jibdiex f'nofs staġun.

11.8.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li se jagħmel mill-aħjar li jista' li l-konċessjoni toħroġ fi żmien xieraq.

## 11.9 ASSEMBLEA ĠENERALI FURJANIŻA

11.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li qed jipproponi li l-Assemblea Ġenerali Furjaniża tiġi posposta għal nhar l-4 u l-5 t'April 2025 peress li ma kienx għad fadal biżżejjed żmien għall-pubbliċita. Il-Kunsill qabel.

11.9.2. Is-Sindku ippropona wkoll li l-Assemblea ssir barra mil-Kunsill u ppropona li l-Kunsill jikkuntattja lill-Floriana Senior Citizens. Il-Kunsill qabel.

## 11.10 PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-FLORIANA: AZZJONI

11.10.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li s-sitwazzjoni tal-lokalità hija waħda prekarja. Huwa kompla billi qal li qed jipproponi li d-dokument li ġie approvat mil-Kunsill f'laqgħa preċedenti jiġi attwat minnufih.

11.10.2. Is-Sindku qal li hu jsegwi ħafna dak li qed jiġri f'pajjiżi oħrajn u jħoss li hemm bżonn li jsir xi ħaġa b'mod immedjat.

11.10.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill kien pijunier f'dan fejn kull naħa qablet dwar dan il-pjan għar-riġenerazzjoni. Huwa qal li din kienet sitwazzjoni straordinarja li għaliha kien hemm bżonn għajnuna straordinarja.

11.10.4. Il-Viċi Sindku qal li dan id-dokument għandu jibqa' jkun diskuss ma' nies li mhumiex parti mil-Kunsill u li għandhom jibdew jintalbu laqgħat minnufih mal-entitajiet tal-Gvern li jistgħu jassistu ġaladarba l-Kunsill m'għandux ir-riżorsi neċessarji li jagħmel dak li hemm bżonn waħdu.

11.10.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li jeħtieġ li jkun hemm baġit allokat għall-Floriana mill-Gvern u kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi.

11.10.6. Is-Sindku qal li l-Kunsill jeħtieġ ikun kuraġġuż u jġib eżempji minn barra minn Malta biex ikun jista' jsostni tajjeb l-argumenti tiegħu u jipprovdi suġġerimenti inizjali.

11.10.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-proposta għal stqarrija stampa li kien hemm riċentement u qalet li kellu jingħata biżżejjed żmien biex tingħata risposta. Il-Kunsill qabel li tibqa' tinżamm il-prassi li jingħataw tliet ijiem ċans għar-risposti.

## 11.11 Piċċ tal-Futbol fiċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V

11.11.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien hemm bidla fil-Bill of Quantities u qed tiġi emendat s-sejħa għall-offerti sabiex tkun tista' tinħareġ minnufih.

11.11.2. Il-Kunsillier JH staqsa jekk kienux ġew riveduti l-kummenti li kien bagħat fir-rigward tal-Bill of Quantities. Is-Sindku qal li ma deherlux li kienu l-istess affarijiet.

11.11.3. Il-Kunsillier JH qal li hemm bżonn li jiżdied id-dawl. Is-Sindku qal li ma deherlux li dan għandu jiżdied fis-sejħa għall-offerti u tkompli tikber l-ispiża.

11.11.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JH għandu jieħu ħsieb ikellem lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu kjarifikati dawn il-punti.

11.11.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li jixtieq ifakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li l-piċċ jissemma għall-Mark Piscopo. Il-Kunsill innota dan.

## 11.12 Sitwazzjoni tal-parkeġġ fuq il-bankini fi Triq Mauro Caruana u ż-żona

11.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-parkeġġ fuq il-bankina fi Triq l-Isqof Mauro Caruana u ż-żona u qal li hu kien kontra dan il-parkeġġ.

11.12.2. Huwa qal li hu jħoss li għandu jitneħħa l-parkeġġ li hemm minn fuq il-bankina billi jitneħħa il-konkos eżistenti li hemm.

11.12.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha titneħħa r-rampa u jsiru spazji ta' parkeġġ fuq karreġġjata waħda.

## 11.13 Estensjoni tal-Librerija Pubblika Nazzjonali

11.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien hemm applikazzjoni għall-estensjoni tal-librerija pubblika nazzjonali u li issa ġiet approvata.

11.13.2. Is-Sindku qal li jinsab iddiżappuntat b'dan għax dik iż-żona kienet waħda mil-ftit tamiet għal bini ġdid biex tiżdied il-popolazzjoni tal-lokalità. Huwa qal li kien diżappuntat ukoll li l-kunsill preċedenti ma kienx għamel rappreżentanza.

11.13.3. Il-Viċi Sindku JAE u l-Kunsilliera JP qalu li huma kienu esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għal dan il-proġett.

11.13.4. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jieħu ħsieb ikompli jiffoka fuq il-problema tan-nuqqas fil-popolazzjoni u ta' żona oħra b'potenzjal li ttieħdet għal skopijiet mhux residenzjali.

## 11.14 Un/Loading Bay fi Triq San Franġisk

11.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi irrefera għal un/loading bay fi Triq San Franġisk u qal li hemm bżonn li din titneħħa għax mhux qed isservi l-iskop oriġinali tagħha iżda qegħda tintuża bħala spazju ta' parkeġġ riservat għal vettura partikolari.

11.14.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-gwardjani lokali biex jieħdu ħsieb iħarrku kuljum lil min jinqabad jabbuża minn dan l-ispazju.

## 11.15 Skemi ta' Finanzjament 2025 (It-Tieni Parti)

11.15.1. Din il-materja ġiet diskussa f'materja nru 11.3.5.

## 11.16 Il-qagħda tal-Ambaxxata tat-Turkija fil-Floriana

11.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kellu laqgħa mal-Ambaxxatur Tork li kien ikkonferma li kien hemm problemi ta' sigurtà. Huwa qal li in viżta ta' dan kien issuġġerielu li l-Ambaxxata Torka għandha toħroġ barra mil-lokalità u ma tibqax iktar f'żona residenzjali.

11.16.2. Fir-rigward tal-erba' spazji ta' parkeġġ riservati li hemm quddiem l-Ambaxxata Torka, is-Sindku ippropona li l-Kunsill joġġezzjona għal dawn l-ispazji u jinformahom li dawn l-ispazji ser jingħataw lura lir-residenti irrispettivament jekk humiex riservati għal kwistjonijiet ta' sigurtà jew le. Il-Kunsill qabel.

## 11.17 Aġġornament tal-laqgħa

11.17.1. Il-laqgħa intemmet fit-19:45 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' April 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 8 ta' April 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmat)<br>Nigel Holland<br>Sindku | (iffirmat)<br>Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |